MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 1157/2002

**Citazzjoni Nru:1157/02 GC**
**THREE EIGHT NINE LIMITED.**
**vs**
**PILASTRI LIMITED.**

**Il-Qorti,**

**Rat ic-citazzjoni li biha is-socjeta attrici wara li ppremettiet:-**

**Illi matul is-sena li ghaddiet u cioe fis-sena 2001 is-socjeta attrici giet inkarigata mis-socjeta konvenuta sabiex taghmel xoghijiet ta' membrane u waterproofing fuq diversi siti f'Malta liema xogholijiet ta' membrane u waterproofing gew ordnati mis-socjeta konvenuta.**

**Illi dawn ix-xoghiljiet ta' membrane u waterproofing saru gewwa diversi postijiet fosthom dawk tal-FMC Motors LTD gewwa Santa Venera, gewwa l-istabbiliment Grand Hotel Mercure Coralia San Antonio dik li qabel kienet maghrufa bhala l-Hyperion Hotel u kif ukoll f'post gewwa l-Iklin. Ta' dawn ix-xoghoijiet , is-socjeta attrici kienet baghetet l-**

**invoices lis-socjeta konvenuta, liema invoices qeghdin jigu immarkati bhala DOK.JB 1, DOK. JB 2 u DOK.JB3.**
**Illi dawn l-invoices qatt ma gew imhallsa mis-socjeta konvenuta u minkejja li is-socjeta konvenuta giet interpellat sabiex thallas hija baqghet inadempjenti.**
**Illi l-kreditu tas-socjeta attrici huwa fl-ammont ta' tlettax-il elf disa' mija hamsa u erbghin lira u sebgha u erbghin centezmu (LM13,945.47c).**
**Illi l-kreditu tas-socjeta attrici fis-somma ta' Lm13,945.47c huwa cert, likwidu u dovut u sa fejn taf is-socjeta attrici is-socjeta konvenuta m'ghandha l-ebda difiza valida opponibbli f'din il-kawza kontra taghha ghall-hlas ta' dik is-somma kif jidher mill-affidavit ta' Joseph Borg stess bhala raprezentant tas-socjeta attrici hawn anness u immarkat bhala Dok. JB 4;**
**Talbet ghalhekk lis-socjeta konvenuta tghid l-ghaliex din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijit fuq premessi, previa id-dispensa tas-smigh a tenur ta' artikolu 167 et seq tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civil Kap. 12) u taht kull provvediment li dina l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportun , m'ghanghiex:**
**Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tlettax-il elf disa' mija hamsa u erbghin lira u sebgha u erbghin centezmu (LM13,945.47c) ghal xoghol ta' membrane u waterproofing debitament maghmula mis-socjeta attrici fuq inkarigu tas-socjeta konvenuta.**
**Bl-imghax legali u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 2039/02 kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.**

**Ghalhekk is-socjeta atrici talbet li s-socjeta konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandiex :- 2**

**Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;**

**Rat l-affidavit ta' Joseph Borg u semghet lill-istess Joseph Borg prodott mis-socjeta attrici;**

**Rat li s-socjeta konvenuta debitament notifikata naqset li tidher u naqset li tippresnta l-eccezzjonijiet taghha;**

**Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;**

**Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Jannar 2003;**

**Peress li t-talbiet attrici jirrizultaw sufficjentement pruvati, l-istess talbiet ghandhom jigu akkolti;**

**Ghal dawn il-motivi:**

**Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici, bl-imghaxxijiet legali mill-10 ta' Lulju 2001 u bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------